MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 169/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**VS**

**Jason Manuel Briffa, iben Gaetano u Aida Maria nee' Cunningham, imwieled Auburn, Awstraljna, nhar id-9 ta' Dicembru, 1974, residenti fil-fond Villa Benvenuti, Triq Maqdes ta' Ganu, Tas-Silg, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita' numru 121193M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq **Jason Manuel Briffa** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Dicembru, 1999, u fil-gimghat ta' qabel, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm245.00 li

kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-detriment ta’ Manuel Piscopo f’ismu proprju u in rapprezentanza ta’ Piscopo Gardens Limited ta’ Burmarrad, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma flus imsemmija jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 2, datata 17 ta’ Dicembru, 1998, fejn hu kien instab hati u kkundannat sena(1) prigunerija, liema perjodu ta’ prigunerija kien gie sospiz ghall-perjodu ta’ sena(1) minn dik id-data, u kien ikkommetta r-reati hawn fuq dedotti liema reati kienu punibbbli bil-piena ta’ prigunerija.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali f’dan ir-rigward.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Il-fattispecie tal-proceduri in ezami huma li l-imputat allegatament gabar somma flus minghand Manuel Piscopo ta’ Piscopo Gardens ghal riklami go magazine, pero dawn ir-riklami (ghajr ghal wiehed), baqghu ma dehrux; pero l-imputat xorta sarraf ic-cheque relattiv.

L-Ispettur Geoffrey Azzopardi, illi nvestiga dan il-kaz, xehed dwar hekk u ezebixxa l-istqarrija tal-imputat bhala Dok GA1. Din ittiehdet minghajr id-dritt tal-assistenza ta’ konsulent legali.

Manuel Piscopo minn naha tieghu xehed illi hu xtara minghand l-imputat, full page adverts f’magazine li kien jitqassam ma’ gazzetti. Xehed illi l-ewwel tah is-somma ta’ Lm100.00 ghall-ewwel riklam kif ukoll Lm15.00 VAT. Dan l-ewwel riklam jghid illi fil-fatt gie ppubblikat - dan fix-xahar ta’ Novembru. Rega’ hallas lill-imputat ghal zewg riklami ohra – wiehed fil-magazine ta’ Dicembru u l-iehor f’dak ta’ Jannar. Hawn tah is-somma ta’ Lm245.00 ta’ zewg

riklami, inkluz il-VAT. Xehed illi r-riklami li kellhom johorgu f'Dicembru u Jannar, baqghu ma hargux, cioe' xehed illi l-imputat, nonostante li ma gewx ippubbilkati r-riklami, xorta sarraf ic-cheque.

Ilaria Muosu xehdet illi hi kienet ghamlet xi xahrejn tahdem mal-imputat. Kienet taghmel xoghol ta' graphic designer. Spjegat illi l-imputat kien il-managing director tal-kumpanija Biblos Advertising. Qalet illi hi giet imkeccija mill-kumpanija ghax skondtha l-imputat kien qallha li l-kumpanija kienet falliet, cioe' l-kumpanija Biblos Advertising. Qalet illi kienu bhala Biblos Advertising qeghdin jahdmu fuq Legend Home Life magazine ghall-kumpanija Real Estate. Xehdet illi pero r-relazzjoni bejn Real Estate u Biblos Advertising spiccat fis-16 ta' Novembru. Xehdet illi kien hemm dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata bejn l-imputat u Pierre Buttigieg, tal-ahhar in rapprezentanza ta' Legend Real Estate, illi turi li r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom kienet intemmet. Ezebiet id-dokument HM1 peresss illi kienet qieghda tahdem mal-kumpanija Legend Real Estate Ltd. Qalet illi din il-kumpanija anke kienet baghtet ittra bl-avukat lill-imputat biex jieqaf jigbor flus ghal pubblikazzjonijiet futuri (Dok HM2, folio 29).

Pierre Buttigieg bhala direttur tal-kumpanija Legend Real Estate, xehed illi l-kumpanija kienet tbiegh proprjeta' u kienet xi kultant tohrog magazine fil-gazzetti kollha. Qal illi kienu qabbdu agenzija tar-reklamar biex tohdilhom hsieb dan il-magazine – Biblos Advertising. Kien ftiehem dwar dan mad-direttur taghha Jason Briffa. Spjega li dan Jason Briffa kellu johrog magazine fil-gazzetti lokali. Hareg wiehed fuq gazzetta lokali, pero mhux kollu skont il-ftehiem ta' bejniethom. Qal illi gew ipprintjati hafna inqas magazines milli ftehmu. Spjega li ta' Novembru hareg gimgha tard, mentri l-magazine ta' Dicembru u Jannar baqa' ma harigx. Qal illi hu kien kellem lil Jason u ttermina r-relazzjoni ta' xoghol bejniethom. Ikkonferma d-dokument Dok HM1 in konferma ta' din it-terminazzjoni.

Xehed Joe Scicluna in rapprezentanza tal-Lombard Bank, u qal illi c-cheque indirizzat lis-socjeta' Biblos ghall-

ammont ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm245.00), gie mahrug minn Piscopo ghal Piscopo Garden Centre, dan gie msarraf fil-hmistax(15) ta’ Dicembru tas-sena 1999 fil-Bank of Valletta, Santa Venera Branch.

Rat ukoll is-sentenza ezebita, Dok X a folio 64, kontra Jason Manuel Briffa, datata 17 ta’ Dicembru, 1998. Din xehed fuqha l-Ex Spettur Raymond Caruana, illi gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li kontra tieghu nghatat is-sentenza sospiza.

Rat illi darba li nghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ghal zmien twil baqghet tittratjeni biex ittella’ l-provi taghha, illi pero ma waslu qatt. Anke saru verbali li l-imputat kein ser jirregola ruhu – fatt dan illi qatt mill-atti ma jirrizulta li sar. Oltre hekk, l-imputat anke tawwal il-proceduri billi ma deherx ghal diversi seduti.

Gia’ ntqal illi giet ezebita l-istqarrija tal-imputat bla assistenza legali. Fid-dawl tad-decizjonijiet Kostituzzjonali u ta’ Qrati ohra, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat kien gia’ gie kkundannat ghal reati simili ghal dawk in dezamina. Allura l-Qorti, anke tenut kont tal-eta’ tieghu ta’ hamsa u ghoxrin(25) sena, ma tqisux daqshekk vulnerabbli. Illi barra minn hekk, anke kieku biss skartata l-istess, ix-xhieda mressqa hija bizzejjed biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li Jason Briffa ha flus minghand Piscopo ghal riklami fil-magazine ta’ Dicembru u Jannar, li baqghu ma gewx ippubblikati. Ma setax jippubblikahom ghax ir-relazzjoni bejnu u bejn Buttigieg kienet sfaxxat, pero xorta sarraf ic-cheque li tah Piscopo – din ma hija xejn hlief misapproprijazzjoni cara u tonda.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib htija tal-akkuzi kollha mressqa kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ukoll htija talli bi ftit granet, kiser is-sentenza sospiza, allura rat anke l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat illi l-imputat ma fehem xejn dwar dak illi kienet ir-responsabbilta' tieghu taht is-sentenza sospiza. Mhux talli hekk, talli rega' kkommetta reat iehor.

Ghaldaqstant din il-Qorti, tqis illi ghandha tiskatta s-sena(1) karcerarja sospiza, kif ukoll tikkundannhah ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------